# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 26 ta' Novembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 242 / 12RGM

Kawza fil-lista: 18

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B fit-23 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni datat tmintax (18) ta' Mejju, elfejn u hdax (2011).

2. Illi l-esponenti hija awtorizzata sabiex tipprocedi ghal kawza permezz ta' digriet immarkat bhala Dok B.

3. Illi l-esponenti ghandha diffikultajiet bil-kuntratt tas-separazzjoni hekk kif ser jigi ppruvat fil-kawza u permezz tal-prezenti hija qeghda titlob lil dina 1-Onorabbli Qorti sabiex dana l-kuntratt jigi varjat.

4. Illi l-maggor parti tad-diffikultajiet huma li l-intimat mhux qed issegwi mal-kuntratt tas-separazzjoni :-

(i) Fir-rigward tal-bejgh tal-propjeta' matrimonjali, stante mhux qieghed jsir ebda sforz mill-intimat sabiex jigi konkluz il-bejgh, inghata prezz wisq gholi lil agenti, l-intimat ma jghix gol-propjeta' u l-esponenti ma ghandiex access ghal propjeta u ghaldaqstant ghandha tohrog stima minn agenti/Periti sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-bejgh tal-fond in komuni tal-partijiet u cioe' l-apartament numru tnejn (2) Triq l-Isbark tat-Torok, fil-Qajjenza limiti ta' Birzebbugia sabiex dina l-propjeta' tinbiegh fis-suq.

(ii) Illi l-propjeta' hawn fuq imsemmija a termini tal-kuntratt tas-separazzjoni dina d-dar kellu jabita fiha ir-ragel sa massimu ta' hames (5) snin mill-llum bl-obbligu li jivvaka l-istess propjeta' f'gheluq tal-hames (5) snin anke f'kaz id-dar tkun ghadha ma gietx mibjugha tul dawn il-hames (5) snin jew f'kaz illi d-dar tkun ser tinbiegh qabel l-gheluq tal-hames snin suriferiti, ir-Ragel ghandu jivvaka minn din il-propjeta' fi zmien tlettin (30) gurnata mill-iffirmar tal-konvenju, skont liema eventwalita' ssehh 1-ewwel.

(iii) Illi l-komparenti ragel ilu ma jghix go din id-dar aktar minn sena minn mindu gie pprezentat dana ir-rikors.

(iv) Illi l-prezz li qieghed offrut fis-suq ghal bejgh tal-propjeta' huwa gholi pero l-intimat jirrifjuta li jnizzel il-prezz ghal prezz aktar realistiku fis-suq.

(v) Illi l-fatt li r-ragel ma ghadux jghix fid-dar hawn fuq imsemmija, il-komparenti mara ghandha tinghata lura cavetta tad-dar sabiex hija jkollha access u anke tkun tista' tiehu hsieb dina d-dar u turiha lin-nies li huma interessati li jakkwistaw il-propjeta' u lil agenti.

(vi) Illi l-komparenti mara fadlilha oggetti tad-dota li l-komparenti ragel obbliga ruhhu li jghaddi lil komparenti mara fi klawsola E (iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni qatt ma gewx moghtija lil attrici.

(vii) Illi rigward l-manteniment dovut mill-konvenut ghal minuri E F, 1-intimat qieghed jaghti biss €200 fix-xahar minflok €216 fix-xahar;

(viii) Illi l-konvenut jirrifjuta li jhallas ghal sehmu mill-ispejjez tal-minuri hekk kif gie ffirmat fil-kuntratt tas-separazzjoni klawsoli 7 ( e) (f) (g) hekk kif ser jigi pprovat fil-kawza.

(ix) Illi in vista tac-cirkostanzi l-attrici titlob li l-manteniment jigi revidut li jirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri liema manteniment jkun wkoll jinkludi 1-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni.

(x) Illi jigi revedut l-kuntratt ta' separazzjoni fis-sens li jigu sospizi s-sleepovers minhabba incidenti li nqalghu fid-dar fejn qeghed jirrisjedi 1-konvenut li jistghu jaffetwaw negattivament il-minuri E G hekk kif ser jigi pprovat fil-kawza.

Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiehu l-passi opportuni biex jigi rivedut il-kuntratt tas-separazzjoni, rigward manteniment;

2. Tiehu l-passi opportuni sabiex tinhareg stima li tirrifletti l-prezz tal-propjeta' li jgib fis-suq u dina d-dar titpogga ghal bejgh fis-suq.

3. Tordna li l-intimat jaghti lura dawk l-affarijiet kollha li jappartjenu lill-mara;

4. Tordna li l-intimat jghaddi kopja tac-cavetta tad-dar lil attrici;

5. Tordna li jigi rivedut il-manteniment b'mod li dana l-manteniment joghla stante li l-intimat qieghed jirrifjuta li jghaddi l-ammont shih tal-manteniment barra minn hekk dana l-manteniment joghla sabiex jizdied u li jigu inkorporati spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

6. Tordna lill-intimat sabiex jhallas kwalunkwe arretrati ta' spejjez ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni.

7. Tordna li jigu sospizi s-sleepovers tal-minuri ghal gid tal-minuri.

8. Tordna li jigi appuntat l-avukat tat-tfal.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Rudolph Dipprezentata fit-8 ta' Frar 2013 li taqra kif gej:-

1. Illi jinghad li bhala fatt mhuwiex minnu illi l-esponent kien qieghed jostakola li jsehh il-bejgh tal-fond li qabel kien il-fond matrimonjali kif jinsab allegat fir-rikors promotor, kif lanqas ma hu minnu li l-esponent ma kienx qieghed ihallas il-manteniment dovut da parti tieghu ghall-minuri E F skont il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet.

2. Illi in rigward ta' l-ewwel, il-hames u s-sitt talba fir-rikors promotur, jinghad li l-istess talbiet huma legalment insostenibbli sew ghaliex 'pacta sunt servanda' kif ukoll, sussidjarjament, ghaliex mhu qieghed jigi nvokot l-ebda bdil materjali fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet li jista' jiggustifika t-talba li qed issir ghar-'revizjoni' tal-manteniment pagabbli ghat-tifla minuri E F.

Hawnhekk jinghad illi mhux biss huwa l-kaz li jekk l-attrici tifhem li l-esponent mhux qed ihallas il-manteniment kollu minnu dovut skont il-kuntratt relattiv, allura hija ghandha dritt ta' azzjoni ghal kollox divers minn dak minnha ezercitat bir-rikors taghha, izda minbarra hekk l-istess attrici naqset milli tosserva l-kondizzjoni pattwita fil-kuntratt illi sar (klawsola 6 (e) tal-kuntratt) fis-sens li 1-ispejjez ta' edukazzjoni tat-tifla 'ghandhom isiru wara li jintlahaq ftehim bejniethom dwar dawn l-istess spejjez'.

3. Illi in rigward tat-tieni talba attrici, jinghad li din it-talba hija ukoll insostenibbli ghaliex il-bejgh tal-proprjeta' involuta jiddependi minn min ikun interessat li jixtri, u nfatti ghadu ma resaq hadd li offra serjament biex jixtri l-proprjeta' ghajr ghal persuna wahda.

4. Illi in rigward tat-tielet talba fir-rikors promotur, jinghad li kienet l-attrici li approprjat ruhha mill-oggetti li jissemmew fil-klawsola 4 E (iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni, jigifieri l-oggetti li kellhom jibqghu f'posthom fil-fond matrimonjali.

5. Illi in rigward tar-raba' talba attrici, jinghad li din it-talba hija inkompatibbli ma' dak pattwit skont il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet (klawsola 5 A (ii) tal-kuntratt), u ghalhekk ukoll mhijiex sostenibbli.

6. Illi in rigward tas-seba' u t-tmien talba fir-rikors promotur, jinghad li mhemm l-ebda lok illi jigu sospizi s-'sleepovers' tat-tifla minuri ma' l-esponent biex b'hekk it-tifla tigi mbieghda mill-esponent kif jidher li tixtieq l-attrici.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partjiet tat-18 ta' Mejju 2011 pubblikat min-Nutar Dottor Tonio Cauchi, market Dok. A Fol. 5 sa 17 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta' Dicembru 2012 li biha ppresentat l-affidavit taghha u ta' Emanuel B u Dorothy B;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2013 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici tas-26 ta' Marzu 2013 li biha gie ppresentat l-affidavit ta' Ilona B;

Rat ix-xhieda ta' Adrian Chetcuti, ghall-Sara Grech Estates Limited, li xehed fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-26 ta' April 2013;

Rat ix-xhieda ta' Audrey Ellul, ghall-Arms Limited li xehdet fl-istess seduta;

Rat ix-xhieda ta' Malcolm Cassar ghal Lea Properties Limited, li xehed fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-14 ta' Gunju 2013, u ta'Michael Bugeja ghall-Bilom Company Limited, li xehed fl-istess seduta;

Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-attrici li sar fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u tkompla fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014;

Rat ix-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014 u f'dik tas-16 ta' Jannar 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fil-21 ta' Jannar 2015, rendikont dwar l-ispejjez ta' sahha u tal-edukazzjoni tal-minuri;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-24 ta' April 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2015 fejn il-Qorti giet infurmata li sar il-kuntratt ta' bejgh tad-dar matrimonjali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenutipprezentata fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**XHIEDA TAL-ATTRICI.**

Fl-affidavit taghha **l-attrici A B** kkonfermat li hi u l-konvenut ilhom separati 'de facto' mill-24 ta'Settembru 2010, li hi telqet mid-dar billi kellhom hafna glied, beda jiffissa li hi kellha lil haddiehor u anke pprova jaghmel suwicidju. Meta telqhet mid-dar ma hadet xejn maghha 'ta' fuqi senduqi'' spjegat; cahdet l-akkuza ta' zewgha li kienet hadet xi deheb filwaqt li akkuzat lill-konvenut li kien gidem lit-tifla f'wiccha, meta kellha tmien snin.

Kienu f'dawn ic-cirkostanzi li l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar u wara hafna negozjati ffirmaw kuntratt ta ' separazzjoni fit-18 ta' Mejju 2011. Qablu li l-konvenut jibqa' jghix fid-dar matrimonjali sa massimu ta' hames snin, u t-tifla gieli marret hemm ghall-accesss, izda, aktar minn sena qabel il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix mas-siehba tieghu go post gewwa l-Qajjenza.

Hi kkonfermat li d-dar matrimonjali kienet ghall-bejgh pero' bi prezz eccessiv li mhux wiehed reali. Hi kienet tinsisti mieghu biex jitnaqqas il-prezz izda r-reazzjoni tieghu kienet li jibda jidghi, jghajjat u jitkellhem hazin. Iddikjarat li halliet hwejjigha fid-dar, li kienu ftehemu li bi preavviz, hi tkun tista' tidhol, pero' qatt ma rrnexxhiela u halliet l-affarjiet kollha taghha hemm. Hi kkonfermat li ma bintha tghix f'propjeta' mikrija, u li l-genituri taghha jghinuha finanzjarjament u

moralment. L-konvenut jirrifjuta li jhallas l-ispejjez tat-tifla, li jhallsuhom il-genituri taghha.

Dwar l-access iddikjarat, li ma kellhomx problemi sakemm bdew is'-sleep overs'. Madwar il-11 ta'Awwissu 2012, nqala' incident 'xxokkanti' li qaltilha bih ohtha, li meta l-minuri kienet ghand il-partner tar-ragel, li ghandha tifel Darren u tifla Kimberly, u li dan miss b'mod indecenti lill-ohtu, fil-presenza tal-minuri. Anke zewgha kien xxokkjat meta qaltlu bih. Fit-12 ta'Awwissu 2012, waqt l-access nqalghet glieda kbira fi Pretty Bay bejn l-attrici, r-ragel u il-partner tieghu.

L-attrici, kkonfermat li l-minuri kienet giet effettwata hazin hafna b'dak li kienet rat, u kienet tkun mdejqa hafna meta kien ikun jmissha tmur torqghod hemm.

**Missier l-attrici** fl-affidavit tieghu ddikjara li nduna hames snin qabel li binthu u zewgha kellhom problemi matrimonjali. L-attrici kienet darba marret ghand il-genituri, xi s-sitta ta' fil-ghodu u qaltilhom bil-problemi li kellha. Ix-xhud jghid li mar ikellimhom fid-dar taghhom, spjegalhom li ma ridx jindahal, rakkomandalhom li jkunu aktar tolleranti, u jekk hemm bzonn jfittxu l-ghajnuna. Hu kkonferma li l-attrici kienet tkun mdejqa u taht pressjoni u tensjoni, billi zewgha kien aggressiv kemm maghha kif ukoll mat-tifla li kienet tibza' torqod mieghu fid-dar tant li gieli kienu iccemplulha bil-lejl biex jassikuraw ruhhom.

Dik n-nhar li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali kien il-gimgha fil-ghaxija, ir-ragel dahal id-dar jsabbat, bezghet u telqet. Cemplulha l-Pulizija biex tmur l-Ghassa, hu mar maghha, zewgha kien ghamel rapport li serqet xi affarjiet mid-dar, mentri hi kienet telqet minghajr ma hadet ebda oggett. Wara ftit granet tghix mal-genituri, kriet flat, fejn marret tghix ma' bintha.

Ix-xhud iddikjara li l-konvenut ma jhallas xejn mill-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri E, liema spejjez ihallsuhom hu u martu, in-nanniet tal-minuri. Dawn jikkonsistu f'mizati tal-iskola, spejjez ta' ezamijiet, attivitajiet extra-kurrikolari,

uniformijiet u zraben, spejjez li suppost jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Hu annetta propsetti tal-ispejjez markati Dok A sa Dok G.

Dwar il-prezz tad-dar matrimonjali ddikjara li fil-fehma tieghu kien wiehed eccessiv billi hemm zewg sulari izda ma hemmx lift.

Ipprezenta Dok H sa Dok N ricevuti ta ' diversi oggetti li xtara hu stess ghad-dota ta' binthu li baqghu fid-dar matrimonjali.

Hu kkonferma li l-minuri tkun b'tensjoni kbira meta tkun sejra ghall-access ma' missierha, li meta l-genituri kienu qed jisseparaw kienet tmur hazin l-iskola izda wara rrkuprat u bdiet tmur tajjeb hafna fl-istudji taghha. Hu pjacir tieghu u ta' martu li jghinuha fl-istudji taghha. Hu iddispjacih li binthu u zewgha isseparaw, pero' it-tghajjir da parti tieghu ma waqafx.

**Illona B, oht l-attrici**, fl-affidavit taghha[1], kkonfermat li hi 'close' hafna kemm ma' ohtha l-attrici, kif ukoll mat-tifla ta' ohtha E G. Hi rrakkontat meta kienet siefret maghhom meta marru Euro Disney fi Franza. Hi tghid li ghalkemm hadu gost, il-konvenut kien arroganti hafna, ma ried ihallas ghal xejn tant li kellha thallas kollox ohtha, l-attrici, li spiccat bla flus, u kellha titlob lilha.

Hi ikkonfermat li l-konvenut jirrifjuta li jhallas l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha tat-tifla u li l-genituri taghha jghinu lill-ohtha biex thallas dawn l-ispejjez.

Dwar l-incident li sar waqt l-access ghand il-partner tar-ragel ikkonfermat li il-minuri qaltilha li t-tifel tal-partner, Darren ta' tnax-il sena, beda jmiss sider ohtu, Kimberly ta' hmistax-il sena, ix-xhud qalet li l-minuri fethet qalbha maghha, kien incident imbarazzanti, u bezghet li jaghmel l-istess lilha. L-attrici kienet kellmet lil zewgha dwar dan.

---

[1] Fol. 85

Hi kkonkludiet li l-minuri E G hi tifla serena, izda tkun imdejqa u f'burdata hazina meta tkun trid tmur tara lill-missierha, apparti l-fatt li f'diversi drabi ma kienx jmur ghaliha.

**Adrian Chetcuti, ghal Sara Grech Estates Limited**, xehed fis-seduta tal-26 ta' April 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju[2]. Hu ddikjara li ra il-propjeta, Eternal Love, Triq l-Izbark tat-Torok, Qajjenza, u li l-konvenut talab prezz ta' 65,000 Liri Maltin. Hu kien issugerixxa li 55,000 Liri Maltin kien prezz tajjeb. Fuq ir-records tal-Kumpanija l-prezz hu ta'69,000 Liri Maltin. Hu kkonferma li qatt ma kkonsulta mal-attrici, pero' li meta kellimha fuq it-telefon qaltlu li xtaqet prezz aktar ragionevoli biex il-post ikun jista' jinbiegh.

Il-prezz ta' 69,000 Liri Maltin jinkludi l-kummissjoni tal-agenzija; minghajrha il-prezz ikun ta'65,000 Liri Maltin.

**Audrey Ellul, ghall-Arms Limited,** li xehedhet fl-istess seduta, Ipprezentat il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-post, mit-23 ta' Ottubru 2010 sa 15 ta' Frar 2013 u kkonfermat li l-ammont li ghadu dovut hu ta' 66 Euro u 71cents billi l-kontijiet ta' qabel kienu thallsu.

**Malcolm Cassar, ghall-kumpanija Lea Properties Limited** xehed fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju. Hu esebixxa dokument, market Dok SC1 *print out* ta' kif il-propjeta' tidher on line. Il-prezz hemm indikat hu ta' 157,000 Euro l-ekwivalenti ta' 67,701 Liri Maltin.

Fl-istess seduta xehed **Michael Bugeja ghall-Bilom Company Limited**, li kkonferma li l-attrici kienet kellmitu fuq il-possibilita' ta' tpartit tal-propjeta'. Kien qallilha li l-prezz kien gholi billi ma kienx hemm lift.

[2] Fol. 94

**L-attrici, in kontro-ezami**, seduta tal-20 ta'Novembru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju[3], wara li kkonfermat li zewgha ma kienx ihalliha tmur fid-dar matrimonjali, jew li tkun presenti mal-agenti meta jigu fuq il-post, ddikjarat li zewgha qed jaghatiha €216.00 fix-xahar ghall-minuri E G ghall-manteniment tal-istess minuri, li din ghandha hdax-il-sena u tmur ghall-access nhar ta Tlieta, nhar ta' Gimgha u jkollha sitt sieghat is-Sibt jew sitt sieghat il-Hadd. Gieli tghid li ma tridx tara lill-missierha izda hi tghidilha li hu missierha u kkonfermat li l-access qed jigi ezercitat regolarment. Rigward spejjez edukattivi tat-tifla u ta' sahha li kellhom jithallsu bin-nofs bejniethom, iddikjarat li l-konvenut qieghed b'lura.

Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, tkompla l-kontroezami tal-attrici. Dwar l-istatement esebit fejn ntalab l-ammont ta' €1306.00, hi ddikjarat li s-sena ta' qabel il-konvenut kien hallasha €500.00. Iddikjarat li prezz ghaliha accettabbli biex tinbiegh id-dar kieh ta' 55,000 Liri Maltin.

**XHIEDA TAL-KONVENUT.**

Il-konvenut xehed fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju[4]. Hu qal li l-prezz minn 65,000 Liri Maltin nizzlu ghal 58,000 Liri Maltin. Filwaqt li kkonferma li kien ghaddej b'negozzjati biex ibiegh l-post ammetta li l-attrici ma kienx jinfurmaha. Dam biex irriduca l-prezz billi kien qed jipprova jigbor flusu.

Fis-seduta tal-14 ta' April 2014 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-konvenut iddikjara li ser jIpprezenta affidavit biex fis-seduta li jmiss isir il-kontrezami tieghu. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014, sar verbal fis-sens li l-konvenut kien ser jIpprezenta affidavit. Fl-istess seduta l-konvenut ddikjara li Joanne Parascandolo u zewgha accettaw il-prezz ta' 50,000 Liri Maltin, pero' ma kkonkludhewx,

[3] Fol. 124
[4] Fol. 132

qalulu li kienu qed jipprovaw ibieghu penthouse u jekk jirnexxilhom jigu ghall-flat.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-Avukat Dottor John Vassallo ghall-konvenut iddikjara li l-partijiet iffirmaw konvenju ghall-bejgh tal-appartament mertu tal-kawza, u Ipprezenta kopja tal-istess li giet markata Dok KN1

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-konvenut iddikjara li dwar l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha tal-minuri, hu xtaq li jkun infurmat u aggornat. Hu ddikjara li f'kaz ta ' mard, bhal meta t-tifla hadietha St James, hu ghandu jkun jaf minn qabel, u hu propju minnhabba f'hekk li qed ikollhom problemi. Hu lmenta ukoll minn nuqqas ta' ko-operazzjoni partikolarment meta tinqala' l-htiega li jkun hemm tibdil fil-hinijiet tal-access billi t-tifla ikollha d-drama jew privat. Fil-fehema tieghu anke hawn tista' tinstab soluzzjoni billi jiftehemu fuq hinijiet alternattivi. Hu ddikjara li lest li jhallas jekk jaqblu fuq l-ammont li ghandu jhallas.

B'nota pprezentata fil-21 ta' Jannar 2015 l-attrici ppresentat rendikont u dokumenti b'konferma li l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha jammontaw ghall-€1820.25.

B'verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2015, il-Qorti giet infurmata li l-partijiet deheru fuq kuntratt ta bejgh tad-dar matrimonjali. Din c-cirkostanza tincidi fuq il-meritu tal-kawza, billi diversi talbiet tal-attrici, bil-bejgh tad-dar, il-mertu taghhom gie illum ezawrit.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.**

L-attrici qed titlob:

1. li jigi rivedut il-kuntratt dwar il-manteniment;
2. li jigi stabbilit il-prezz tas-suq tal-propjeta;
3. li l-konvenut jirrestitwixxi l-effetti mobbili tal-attrici;
4. li tinghata kopja tac-cavetta tad-dar;
5. li jizdied il-manteniment tal-minuri sabiex jinkorpora spejjez ta’ sahha u ta’ edukazzjoni tal-minuri;
6. li l-konvenut jigi ordnat ihallas arrettrati ta spejjez skont il-kuntratt;
7. li jigu sospizi is-*sleep overs* tal-minuri u dan fl-ahjar interess taghha;
8. li jigi appuntat avukat tat-tfal.

Fin-nota ta osservazzjonijiet taghha tal-24 ta’ April 2015[5] l-attrici tikkoncedi il-bejgh tad-dar matrimonjali li huwa l-mertu tat-talbiet 2, 3 u 4 gie llum ezawrit ghalkemm tenfasizza li kien biss wara li saret il-kawza u xehdu diversi agenti li l-konvenut ceda biex jirriduci l-prezz ghal wiehed reali u tas-suq.

Lanqas mhu kkontestat li l-manteniment, u arrettrati tal-istess thallsu u li fil-pendenza tal-kawza il-manteniment thallas b’mod regolari (para 10 tal-imsemmija nota Fol. 190 tal-process). Il-kontestazzjoni hi fuq l-ispejjez ta’ sahha u ta’ edukazzjoni tal-minuri.

Skont il-paragrafu 7(e) tal-kuntratt ta’ separazzjoni[6], il-partijiet qablu li l-ispejjez ta’ mizati tal-iskola, kontribuzzjonijiet, donazzjonijiet, trasport, privatijiet, *summer school*, spejjez ta’ ezamijiet, attivitajiet extra-kurrikulari, uniformijiet u zraben ihallsuhom nofs kull parti, pero’ fuq debita ricevuta, u wara li jintlahaq ftiehem bejniethom dwar dawn l-ispejjez.

Saret riserva fil-kuntratt illi f’kaz ta’ riduzzjoni fid-dhul rispettiv taghhom l-istipulazzjoni kontrattwali fir-rigward tal-ispejjez tal-minuri relatati mal-

[5] Fol. 187
[6] Fol. 15

edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tigi riveduta. Skont para 7(f) tal-kuntratt mhux mehtieg li jkun hemm ftehim minn qabel dwar dwar spejjez ta' sahha tal-minuri. Dawn jithallsu bin-nofs skont ir-ricevuta. Fil-paragrafu 9 tal-kuntratt iddikjaraw li decizjonijiet straordinarji dwar l-edukazzjoni u s-sahha ta' binthom jittiehdu b'mod kongiunt, u jekk ma jaqblux dwar xi decizjoni straordinarja dwar it-tifla, jirrikorru ghad-decizjoni tal-Qorti kompetenti.

Is-*sleepovers* jissemmew fil-paragrafu 6 (e) tal-kuntratt[7]. Dwar din il-kwistjoni, kif konfermat f'paragrafu 21 tan-nota tal-attrici[8], il-partijiet sabu soluzzjoni, billi fl-interess tal-minuri is-*sleepovers* gew sospizi indefinittivament, wara d-digriet moghti fl-10 ta' Ottubru 2012.

Fin-nota ta sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jiddikjara li it-talbiet attrici numri tnejn u erbgha fir-rikors promotur jinsabu llum ezawriti fil-mertu taghhom; li l-konvenut ipprova jgib l-ahjar prezz ghall-bejgh tal-post u dan qabel il-perjodu ta' hames snin imsemmi fil-kuntratt (terminu li jaghalaq f'Mejju 2016); u dwar it-tielet talba ddikjara li bil-bejgh tal-post illikwidaw dak kollu li kien fadal jigi likwidat. Dwar il-manteniment hu minnha ammess li dan qed jithallas regolarment, u dwar spejjez ta' sahha u edukazzjoni, il-kuntratt hu car u jghid li dawn jsiru wara li jintlahaq ftehiem bejniethom, ghalhekk l-ewwel u l-hames talba mhumhiex legalment giustifikati. Dwar is-sitt talba l-konvenut jissottometti li din mhix decizzjoni li ghandha tiehu din il-Qorti, l-attrici kellha tipprocedi diversament.

**L-AZZJONI ATTRICI.**

L-attrici fit-tielet premessa tar-rikors promotur tiddikjara li ghandha diffikultajiet bil-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk qed titlob biex dan jigi varjat.

---

[7] Fol. 13
[8] Fol. 192

Jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Mejju 2001, ghandhom tifla, E G, li twieldet fit-30 ta' Lulju 2002 u sseparaw b'kuntratt ippubblikat fit-18 ta' Mejju 2011.

Fir-raba' premessa tar-rikors guramentat l-attrici tiddikjara li l-konvenut mhux qed isegwi l-kuntratt u telenka ghaxar ilmenti li jirreferu ghall-mod kif ghandhom jigu regolati n-negozzjati ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, billi l-konvenut ma kienx izzommha ghall-kurrent tan-negozjati tieghu mal-agenti u kompraturi prospettivi, u li l-manteniment jigi rivedut biex jinkorpora l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, u dan billi l-konvenut ma kienx qed ihallas dawn l-ispejjez.

It-talbiet attrici li jirreferu ghall-bejgh tad-dar matrimonjali llum gew superati billi rrizulta li d-dar nbieghet fil-pendenza tal-kawza, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut kkonferma li bil-bejgh tad-dar, il-partijiet illikwidaw kull ma kien fadal x'jigi likwidat. Dan qed jigi rilevat referibilment ghat-tielet talba attrici. Ghalhekk ghandhom jigu kkonsidrati biss it-talbiet li jirriferu ghall-minuri cioe' it-talba tal-attrici ghar-revizjoni tal-klawsola kontrattwali fir-rigward tal-manteniment.

Fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet ghamlu distinzjoni bejn manteniment u spejjez li jsiru f'interess tal-minuri. Il-manteniment hu ndikat fil-paragrafu 7(a) tal-kuntratt. Dan gie stabbilit fl-ammont ta' €216.00 fix-xahar, jieqaf automatikament meta l-minuri taghalaq tmintax-il sena, jew tibda tahdem, skont is-subinciz (b) jigi rivedut kull sentejn skont l-indici tal-inflazzjoni.

Dwar l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri, mizati, trasport, lezzjonijiet (privatijiet), uniformijiet, zraben ec cetra ftehemu li jithallsu nofs kull parti, skont ir-ricevuti, u wara li jkunu ftehemu dwarhom (para 7 (e)), mentri l-ispejjez dwar s-sahha, dawn ma jirrikjedhux qbil a priori u jithallsu nofs kull parti skont ir-ricevuti. Fil-hames talba l-attrici qed titlob li l-manteniment ghandu jizdied biex

jinkorpora l-ispejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri, effettivament qed titlob tibdil tal- paragrafi hawn imsemmija, minnhom patwiti fl-imsemmi kuntratt.

**LIGI u GURISPRUDENZA.**

**Artikolu 59 tal-Kapitolu 16:**

***(1) Il-firda personali tista', bis-setgha tal-qorti permezz ta' digriet skont l-artikolu 35, issir bil-kunsens tat-tnejn, b'att pubbliku.***

***(2) Il-qorti ghandha, qabel ma taghti din is-setgha, twissi lill-partijiet dwar dak li ggib maghha il-firda, u tfittex li tirrikonciljhom, u tista' thassar, tvarja u ddahhal dawk il-kondizzjonijiet li hija thoss xierqa.***

***(3) Dan id-digriet ghandu l-istess effetti ta' sentenza tal-qorti kompetenti***

Hekk jirrizulta li sar f'dan il-kas, billi l-kuntratt ta' separazzjoni hu iffirmat mill-Imhallef flimkien ma 'digriet ta' awtorizzazzjoni, apparti l-partijiet u n-Nutar.

**L-artikolu 992 tal-Kapitolu 16** jghid hekk:

***(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi***

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet" **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg"** deciza fit-30 ta' Novembru 2012:

"F'materja ta' hlas ta' manteniment in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibilta' anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja".

L-attrici f'din il-kawza, ghalkemm qed titlob li l-kuntratt jigi varjat in kwantu jirreferi ghall-manteniment tal-minuri, mhi qed tallega l-ebda vizzju tal-kunsens taghha, u wisq anqas mhi qed titlob ir-rexxissjoni tal-ftehim.

Legalment hemm distinzjoni bejn manteniment Ex Contractu u manteniment stabbilit giudizzjarjament. Fil-kawza fl-ismijiet "**Mary Vella vs Mario Vella**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 1996 gie dikkjarat illi meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kas ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti.

Fi zmien aktar remot il-Qrati taghna segwew il-linja rigida, li dak miftiehem mill-partijiet ma ghandux jinbidel jekk mhux bil-kunsens taghhom. Pero' sussegwentement, in virtu' tal-principju "ad impossibilia nemo tenetur", f'cirkostanzi eccezzjonali, meta jkun sar impossibbli fic-cirkostanzi godda li l-parti tonora l-obbligi kuntrattwali, ikun hemm flessibilita' mill-Qrati. Il-kas klassiku hu meta r-ragel, fuq il-kuntratt ta' separazzjoni jobbliga ruhhu li jhallas manteniment f'ammont retattivament gholi u sussegwentement jkun vittma ta' incident bil-konsegwenza li jitlef l-impieg tajjeb li kellu, u jsib ruhu fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment minnu accettat fuq il-kuntratt.

Fil-kawza gia' citata fl-ismijiet "**Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**" ntqal is-segwenti;

"Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi,

eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha il-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu.

Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu"fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftiehem bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta revizjoni ta' manteniment pattwit, fil-waqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika ukoll bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur", li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-artikolu 985 tal-Kap 16 li, inter alia, jistipola li hwejjeg impossibli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."

Fil-kas in ezami, ma irrizultatx dik c-cirkostanza eccezzjonali, indipendenti mill-volonta' tal-partijiet li taghmilha impossibbli ghal parti li tonora l-obbligu kuntrattwali minnha assunt fil-konfront tal-parti l-ohra; irrizulta mill-banda l-ohra li l-partijiet kienu dettaljati hafna fil-kuntratt li bonarjament stipulaw tant li iddistingwew bejn manteniment, spejjez ta' sahha u spejjez ta' edukazzjoni tal-minuri, dwar dawn l-ahhar spejjez, qablu li jekk jkollhom riduzzjoni fid-dhul, irrisservaw id-dritt li jirrevedu (proviso tal-artikolu 7 (e)).

Il-kontestazzjoni rimanenti ta' bejn il-partijiet ghalhekk hi limitata ghat-talba tal-attrici dwar l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri, li flok dawn jkun jehtieg qbil dwarhom sabiex kull parti thallas in-nofs taghom, kif jistipula l-kuntratt, il-manteniment ghandu jizdied biex jigu inkorporati dawn l-ispejjez u jigi evitat il-htiega li jkun hemm qbil a priori dwarhom.

Ikkundrat;

Apparti l-fatt li dawn l-ispejjez jistghu ivarjaw konsiderevolment minn zmien ghal zmien jekk jigi stabbillit ammont specifiku, dan  jista' ikun aktar jew jista' jkun anqas mill-ammont reali.

Altrimenti, dwar il-manteniment, hemm qbil bejn il-partijiet li l-arretrati kollha thallsu fil-mori tal-kawza u li issa qed jithallas regolarment. Il-Qorti tissottolinea illi dan ma hux l-istadju tan-negozjati sabiex jigi ppubblikat kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Il-kuntratt gie ppubblikat u kif rajna supra, sabiex il-Qorti tvarja l-istipulazzjonijiet kontrattwali jehtieg il-prova li avverraw ruhhom sussegwenti ghall-kuntratt cirkostanzi li jaghmluwha impossibbli li dak kontrattat jigi ezegwit. Irrizulta li fil-kawza odjerna ma jezistux tali cirkostanzi.

Jekk il-konvenut jerga' jkun moruz fil-hlasijiet minnu dovuti fir-rigward tal-minuri l-attrici ghandha rimedji disponibbli ghaliha sabiex tipprocedi gudizzjarment kontra l-konvenut sabiex tigbor l-ispejjez talvolta dovuti.

Il-fatt li d-dar nbieghet fil-mori tal-kawza kif ukoll li l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut thallsu fil-mori tal-kawza huma l-prova li l-attrici kienet gustifikata li tistitwixxi l-kawza odjerna. Izda ezaminati akkuratament il-fattispeci partikolari ghal din il-kawza, it-talba attrici biex jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu jirriferi ghall-manteniment tal-minuri ma timmeritax akkoljiment, billi ma rrizultatx dik ir-raguni, skont il-gurisprudenza kostanti fuq citata li tpoggi parti fl-impossibilita' li tonora u tesegwixxi l-obbligu kuntrattwali minnha assunt.

**AVUKAT TAT-TFAL**.

L-attrici talbet in-nomina ta' Avukat tat-Tfal in konnessjoni mat-talba taghha sabiex is-*sleep overs* tal-minuri mal-missier li gew stipulati fil-kuntratt jigu sospizi. Jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-mori tal-kawza il-partijiet waslu fi ftehim illi l-access tal-missier m'ghandux jinkludi *sleep overs* u dan b'rispett lejn ix-xewqat tal-minuri. Konsegwentement il-htiega ta' nomina ta' avukat tat-tfal m'ghadiex hemm.

**SPEJJEZ GUDIZZJARJI**.

Fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji, tenut kont ir-rebh u t-telf rispettiv tal-partijiet f'din il-kawza ikun ekwu illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' t-tieni eccezzjoni u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha,

1. Tichad l-ewwel talba;

2. Tiddikjara l-mertu tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' talba attrici bhala ezawrit stante li d-dar inbieghet fil-mori tal-kawza u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

3. Tichad il-hames talba.

4. Tiddikjara l-mertu tas-sitt talba' ezawrit stante li l-konvenut hallas l-arretrati kollha minnu dovuti fil-mori tal-kawza u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba.

5. Tilqa' s-seba' talba u tordna li l-access tal-missier versu l-minuri m'ghandux jinkludi *sleep overs.*

6. Tichad it-tmien talba.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**